**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 491/2011**

**tad-19 ta' Mejju 2011**

**li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 614/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin (2), u partikolarment l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1484/95 (3) stipula r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tad-dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni u stipula l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd.

(2) Minn kontrolli regolari tal-informazzjoni li tipprovdi l-bażi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi għall-prodotti tas-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd kif ukoll għall-albumina tal-bajd, jirriżulta li l-prezzijiet rappreżentattivi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti għandhom ikunu emendati biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet skont l-oriġini. Jeħtieġ għalhekk li jiġu ppublikati prezzijiet rappreżentattivi.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq, jeħtieġ li din l-emenda tiġi applikata malajr kemm jista' jkun.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1484/95 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Mejju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 181, 14.7.2009, p. 8.
(3) ĠU L 145, 29.6.1995, p. 47.

*ANNESS*

**għar-Regolament tal-Kummissjoni tad-19 ta’ Mejju 2011 li jiffissa l-prezzijiet rappreżentattivi fis-setturi tal-laħam tat-tjur u tal-bajd u għall-albumina tal-bajd, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1484/95**

*“ANNESS I*

| Kodiċi NM | Deżinjazzjoni tal-merkanzija | Prezz rappreżentattiv (f'EUR/100 kg) | Garanzija msemmija fl-Artikolu 3(3) (f'EUR/100 kg) | Oriġini [1] |
|---|---|---|---|---|
| 0207 12 10 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 70 %, iffriżati | 116,4 | 0 | AR |
| 0207 12 90 | Karkassi tat-tiġieġ preżentazzjoni 65 %, iffriżati | 139,9 | 0 | BR |
| | | 127,3 | 0 | AR |
| 0207 14 10 | Qatgħat dissussati ta’ sreidak jew ta’ tiġieġ, iffriżati | 212,3 | 26 | BR |
| | | 241,1 | 18 | AR |
| | | 322,3 | 0 | CL |
| 0207 27 10 | Qatgħat dissussati tad-dundjani, iffriżati | 336,4 | 0 | BR |
| 0408 11 80 | Isfra tal-bajd | 348,6 | 0 | AR |
| 0408 91 80 | Bajd imnixxef bla qoxra | 372,9 | 0 | AR |
| 1602 32 11 | Preparazzjonijiet nejjin ta’ sriedak u tiġieġ | 266,9 | 6 | BR |
| 3502 11 90 | Albumini mnixxfa tal-bajd | 602,6 | 0 | AR |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi ‘ZZ’ jirrappreżenta ‘oriġini oħra’.”